

# IL-BIES

*minn Michael Grima*



ERIC HOSKING

Wieħed mill-agħsafar li jbejtu, jew li kienu jbejtu f'Malta u li hu rari ħafna huwa l-BIEṢ *Falco peregrinus* (Peregrine Falcon). Żgur li ftit huma dawk in-nies li raw il-Bies igħajjat lis-sieħba tiegħu waqt li jġorr il-qabda lejn il-bejta. Fl-1980 il-Bies, bħall-agħsafar tal-priza kollha, gew imħarsa bil-liġi u llum ħadd ma jista' jaqbad, joqtol, jew jiddisturba l-bejta tiegħu. Iżda madanakollu hemm dubji serji jekk il-Bies għadux ibejjet hawn Malta. La darba sa l-1982 kien ibejjet, hemm ċans tajjeb li dan l-għasfur jiżdied fin-numru f'pajjiżna jekk il-kaċċaturi ma jkomplux jeqirdu kull wieħed li jidher. Din hija x-xewqa ta' kull min iħobb il-wirt naturali ta' pajjiżna u ta' kull ċittadin onest.

Il-Bies, kemm ir-raġel kif ukoll il-mara, huma ta' l-istess lewn: griż skur kaħlani fil-partijiet ta' fuq u bajdani bi strixxi mimdudin skuri minn taħt. Ir-ras hi aktar skura, bl-iswed jinżel bil-ponta 'l isfel bhal barbetti. Id-denb huwa tawwali b' b'ħafna strixxi skuri mimdudin ukoll, bl-aħħar strixxa wisgħa li tidher ħafna. Is-saqajn huma sofor, bi dwiefer kbar suwed. Il-mara tkun ftit akbar mir-raġel bħal ħafna għasafar oħra tal-priża. Dan l-għasfur irnexxielu jadatta ruħu għal ħafna ambjenti differenti għax insibuħ imferrex mad-dinja kollha. Minhabba f'hekk insibu ħafna razez differenti tal-Bies. Dak li hu komuni fl-inħawi tal-Mediterran hu l-*Falco peregrinus brookei*.

Il-Bies jagħmel il-bejta fuq xi xifer ta' xi rdum għoli ħdejn il-baħar jew fil-muntanji. F'xi pajjiżi bħall-Kanada, jew l-Awstralja, fin-naħa t'isfel ta' Spanja u f'pajjiżi ohra tat-Tundra ġie li jbejjet fl-art bejn xi xtieli jew blat żgħir. Meta jkun hemm post tajjeb għall-bejta, il il-Bies jibqa' jbejjet fiha għal bosta snin u jekk xi par imut, il-bejta ma tantx iddum biex tiġi okkupata minn xi par ieħor.

Ġeneralment il-mara tbid minn tlieta sa erba' bajdiet ħomor fil-kannella skur, b'ħafna dbabar ċari u skuri. Normalment il-bejta ssir għall-ħabta ta' Marzu u spiss jiġri li l-Bies ibejjet ftit qabel il-passa biex meta jkollu l-frieħ x'jitma' jsib ikel abbundanti provdut mill-passa kontinwa ta' l-agħsafar. M'għandux xi ikel speċjali u jattakka għasafar zgħar u kbar billi jitla' fil-għoli, jagħlaq il-ġwienaħ u jinżel qisu vleġġa fuq il-priża. Xi xjenzati jaħsbu li f'din it-titjira l-Bies jilħaq il-ħeffa ta' 300 kilometru s-siegħa. Il-bajd ifaqqas wara erba' ġimgħat u l-frieħ ikunu miksijin b'rix abjad fl-isfar. Wara xi ħames ġimgħat il-frieħ itajjru. Dawn ikunu ta' lewn kannella minn fuq u isfar fil-kannella minn taħt b'daqqiet skuri weqfin.

Il-Bies hu marbut sewwa ma' l-istorja ta' Malta. Dan li ġej jidher fil-ktieb L-AGĦSAFAR ta' J. Sultana u C. Gauci:

" ...*Minħabba l-falkunerija l-Bies kellu x'jaqsam sewwa fl-istorja ta' Malta, l-iżjed fiż-Żminijiet tan-Nofs. Minħabba li l-Bies kien meqjus minn dejjem bħala s-sultan ta' l-agħsafar, l-Imperatur Federiku II kien għażlu bħala simbolu tiegħu għax kien iridha ta' sultan tas-slaten. Fl-1240 Federiku II kien bagħat f'Malta għadd ta' falkunieri biex jagħtuh tagħrif ta' bisien slavaġġ li nqabdu f'dik is-sena. Fl-1530 l-Imperatur ta' Spanja, Karlu V, ta l-Gżejjer Maltin lill-Kavalieri ta' San Ġwann għar-renta nominali ta' żewġ bisien fis-sena. Dawn kienu jintbagħtu wieħed lill-Imperatur u l-ieħor lill-Viċi Re fi Sqallija. Fi żmien il-Gran Mastru Pinto kien jintbagħat ukoll Bies lir-Re tal-Portugall. Ta min isemmi li Bies li kellu l-Marka tar-Re ta' Franza Enriku IV kien ħarab minn Fontainebleau u nstab f'Malta wara biss erbgħa u għoxrin siegħa, vjaġġ ta' 2174 kilometru. Ir-rabta tal-Bies ma' pajjizna tidher ukoll fl-ismijiet ta' ċerti postijiet fosthom Rdum il-Bies, Għadiriet il-Bies u Għar il-Bies....*"

Fl-Ewropa l-Bies għandu storja ferm interessanti u dan jagħmlu għasfur importanti ħafna fil-ħajja tagħna tal-lum. Fiż-Żminijiet tan-Nofs, il-Bies, għalkemm il-falkunerija kienet fl-aqwa tagħha, ħa spinta 'l quddiem għax bosta foresti u boskijiet kienu qegħdin jonqsu u b'hekk il-wiċċ ta' l-art fejn kien jikkaċċja l-Bies kiber.

Fis-seklu tmintax (1700-1800) bosta sinjuri kienu jrabbu t-tjur biex imbagħad jikkaċċjawhom (game keeping). Dan kien zmien ikraħ ghall-Bies għax beda jitqies bħala għadu, bħall-agħsafar tal-priża kollha. Aktar riċenti l-Bies baqa' l-għadu ta' dawk li jrabbu l-ħamiem u bosta kienu dawk li joqtlu l-Bies malli jarawħ għax kien jattakka l-ħamiem tagħhom.

Fi żmien l-aħħar gwerra, billi l-ħamiem 'homer' kien juntuża biex iġorr il-messaġġi, il-Bies kien jinqatel ħafna iżda mbagħad wara l-gwerra reġa' beda jiżdied sakemm waslet l-akbar daqqa ta' ħarta fil-ħajja tal-Bies (u tal-bniedem) —il-pestiċidi. Il-pestiċidi kienu ilhom jintużaw iżda ħadd qabel ma kien jaf bl-effetti qerrieda ta' dawn il-kimiċi li kienu qegħdin jintużaw bl-addoċċ. Fuq studji li għamlu xjenzati sabu li l-Bies, billi kien għasfur li jaqbad il-priża ħajja, kien jieħu dawn il-pestiċidi ma' l-ikel li jiekol u b'hekk il-kwantita' ta' velenu, għalkemm ma toqtolx mill-ewwel, kienet dejjem tiżdied u twassal jew għall-mewt jew għall-iżbilanċ fil-metaboliżmu, jiġifieri l-ġisem ta' l-għasfur ma jibqax jaħdem sewwa. Barra li l-Bies beda jonqos għax imut wara li jiġbor kwantita' kbira ta' pestiċidi fl-ikel, l-aktar id-DDT, il-qoxra tal-bajd li tbid il-mara bdiet tkun irqiqa u tinkiser ma l-iċken daqqa. B'hekk l-għadd tal-Bies beda jonqos f'daqqa u kien hemm il-biża' li jinqered għal kollox. Issa jista' jerġa' jieħu r-ruħ bil-kontroll ta' l-użu tal-pestiċidi u bil-ħarsien mil-liġi.

F'Malta l-Bies għandu ambjent tajjeb fejn jista' jbejjet. Issa jiddependi minna jekk ikomplix jew le. Il-bisien kollha ibbalzmati fil-vetrini ma jistgħu qatt jikkontribwixxu biex f'pajjiżna dan l-għasfur hekk sabiħ ikompli joktor u jgħix ħieles. □

*IL-BIES fuq il-bejta f'xifer ta' rdum għoli.*



ARTHRUR CHRISTIANSEN